*- Ritorn Lura Ta' Oggetti -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta tal-Erbgha, 17 ta' Ottubru, 2001

**Kawza Numru: 18**
**Citazzjoni Numru: 1756/97/RCP.**

**Carmelo Azzopardi.**

**vs**

**Alex Cassar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur hallas lill-konvenut is-somma ta' elf Lira Maltija (Lm1000) prezz ta' vettura tal-marka Escort Mark 1 bill-magna nkluza;

Illi l-konvenut minkejja mitlub jikkonsenja din il-vettura baqa' inadempjenti u lanqas ma rrifonda l-prezz fuq indikat;

Illi aktar minn hekk l-attur ghandu ghand il-konvenut is-segwenti oggetti mobbli u cioe' zewg cilindri tal-gas li jiswew tmienja u hamsin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm58.81); kumpressur ta' l-arja li jiswa mitejn Lira Maltin (Lm200); *driller* li jiswa hamsa u tletin Lira Maltin (Lm35); *bonnet* ta' vettura li jiswa sebghin Lira Maltin (Lm70) u *crash helmet* li jiswa ghaxar Liri Maltin (Lm10);

Illi mitlub jikkonsenja dawn l-oggetti l-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

1. Tordnalu u tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju jikkonsenja l-oggetti fuq imsemmija u l-vettura fuq imsemmija;

2. Fin-nuqqas li jaghmel dan tikkundannah ihallas lill-attur dak l-ammont skond il-valuri fuq imsemmija jew jistghu jigu stabbiliti minn din il-Qorti permezz ta’ periti nominandi f’ kaz li jonqos li jaghmel il-konsenja ta’ l-oggetti jew uhud minnhom fiz-zmien fuq prefiss bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et sequitur* tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti ma’ l-istess citazzjoni attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju, 1998.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa:-

1. Illi t-talbiet in kwantu jirrigwardaw ir-ritorn tal-vettura Escort minghajr magna, ic-cilindri tal-gas, kompressur tal-arja u l-*crash helmet* huma intempestivi stante lill-eccipjent dejjem ried jirritorna l-oggetti msemmija izda kien l-attur li ma zammx l-appuntament iffissat ghar-ritorn tal-imsemmija oggetti, kif jirrizulta mill-annessa korrispondenza.

2. Illi ghalhekk kwantu t-talbiet attrici huma diretti ghar-ritorn ta' magna, *driller* u *bonnett* dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal- konvenut a fol. 15 *et sequitur* tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti ma' l-istess nota ta' eccezjonijiet.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Novembru, 1998; tas-17 ta' Mejju, 1999; tal-10 ta' Dicembru 1999; tal-15 ta' Mejju, 2000; tat-3 ta' Ottubru, 2000.

Rat in-nota ta' l-attur li biha esebixxa l-affidavit ta' l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2000.

Rat li l-konvenut gie notifikat bl-affidavit ta' l-attur fit-2 ta' Frar, 2001 kif jirrizulta a fol. 39 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Frar 2001 fejn xehed l-attur u Dr. Toni Abela ddikjara li m'ghandux provi aktar f'dan l-istadju. Inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut ghat-28 ta' Marzu 2001; tat-28 ta' Marzu 2001 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut b'dan li l-Qorti estendiet ghall-ahhar darba t-terminu ghall-prezentata tal-affidavit tal-konvenut bi tletin (30) jum mid-data tal-istess verbal; u tas-27 ta' Gunju,

2001 fejn il-konvenut u Dr.Greta Mifsud Agius msejha tlett darbiet ma dehrux. Il-Qorti ghamlet digriet *ai termini* ta’ liema ddikjarat li peress li l-kawza kienet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut li la deher, la ressaq provi u lanqas ppresenta affidavits, halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-17 ta’ Ottubru, 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi **l-attur** ippresenta din il-kawza peress illi qed isostni illi huwa hallas lill-konvenut is-somma ta’ elf Lira Maltija (Lm1,000) rappresentanti prezz ta’ vettura bil-magna inkluza, u hu rrifjuta li jikkonsenja l-vettura jew li jirrifondi l-prezz. Inoltre’ l-attur qed jallega wkoll li ghand il-konvenut ghandu l-oggetti mobbli msemmija fic-citazzjoni attrici u kwindi qed jitlob li jigu kkunsinjati l-istess oggetti lilu jew li huwa jithallas tal-valur taghhom.

Illi **l-konvenut** min-naha tieghu eccepixxa illi ghal dak li jirrigwardaw ir-ritorn tal-vettura minghajr il-magna, c-cilindru tal-gas, kumpressur tal-arja u l-*crash helmet* it-talbiet huma intempestivi peress illi l-istess konvenut, kif dikjarat fid-dikjarazzjoni tieghu, dejjem ried jirritorna l-oggetti msemmija izda kien l-attur li ma zammx l-appuntament iffissat ghar-ritorn taghhom. In kwantu ghar-ritorn tal-oggetti l-ohra, it-talbiet huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt skond l-istess konvenut.

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur Carmelo Azzopardi** xehed li huwa kien xtara minghand il-konvenut il-vettura tal-marka Escort Mark 1 bil-magna nkluza. Hu tah elf lira Maltija (Lm1,000) f'daqqa. L-attur spjega li din il-vettura kienet fil-garaxx tal-konvenut u kien imur jisprejja hemmhekk. Ghal dan kien xtara kumpressur, *driller* u zewg cilindri tal-acitelena. Kien ukoll xtara *bonnet* li jmur mal-vettura. Il-*crash helmet* kien hallih fil-garaxx peress li kien talabulu ghax il-konvenut kien itellaq Ta' Qali. Darba minnhom pero', allegatament, il-konvenut ghalaq il-bieb tal-garaxx u l-attur ghalkemm talabhomlu kemm-il darba qatt ma tahomlu lura.

Illi **l-attur** xehed ukoll seduta stante u kkonferma l-affidavit presentat. Huwa kkonferma li hallas elf Lira Maltija (Lm1,000) ghall-karozza u li ghad ghandu l-oggetti msemmija. Huwa qabel li c-cilindri tal-gas kienu jiswew Lm58.31; il-kumpressur - Lm200; *id-driller* - Lm35.00 u l-*bonnet* tal-karozza - Lm70.00; u l-*crash helmet* - Lm10.00. Hu kkonferma li dawn l-oggetti qatt ma gew fil-pussess tieghu u l-konvenut qatt ma ghamel xejn biex jaghtihomlu. Huwa qal li mar ghandu u l-konvenut harab minnu.

Illi **l-konvenut** minn naha tieghu la ressaq provi u lanqas affidavits. L-uniku provi li ressaq huma d-dokumenti annessi man-nota tal-eccezzjonijiet u dawn gew prezentati *ai fini* li jipprova li huwa ried jirritorna certu oggetti pero' kien l-attur li ma zammx l-appuntament iffissat ghar-ritorn taghhom. Illi minn Doc. B (a fol. 18 tal-process) li hi ittra mid-difensur tal-konvenut lill-attur jirrizulta li dwar l-Escort u l-ghodod ma hemmx kontestazzjoni u li l-klijent tieghu kien dispost li dawn jittiehdu. Hemm ukoll illi l-konvenut kien ilu zmien twil jitlob sabiex jiehdu l-oggetti. Illi minn naha l-ohra minn Doc.C (a fol. 19 tal-process) kull ma rrizulta hu li l-attur kienu

ndikaw gurnata sabiex jirtiraw l-affarijiet mertu tal-kawza odjerna. Xejn ma gie ppruvat biex juri ghalfejn dan l-inkontru ma sehhx.

Illi pero' dak li rrizulta bla ebda dubju, u dan anki mill-korrispondenza ezebita man-nota tal-eccezzjonijiet, huwa li l-vettura Escort Mark 1 kif ukoll l-oggetti l-ohra indikati fic-citazzjoni attrici jappartjenu lill-attur imma jinsabu fil-pusses tal-konvenut. Kwindi din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tordna li l-konvenut jikkonsenja l-oggetti msemmija. Illi fin-nuqqas li jaghmel dan tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira maltija (Lm1,000) prezz tal-vettura tal-marka Escort Mark 1 bil-magna nkluza; kif ukoll Lm53.81 raprezentanti zewg cilindri tal-gas (a fol. 5 tal-process), Lm200 kumpressur ta' l-arja (a fol. 7 tal-process); Lm35.00 *driller*; Lm70.00 *bonnett* ta' vettura u Lm10.00 *crash helmet* li fl-ammont globali jitilghu ghas-somma ta' elf tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,371.81,)

*17 ta' Ottubru, 2001 (RCP).*

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi;

1. Tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) jum mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja l-oggetti kollha fuq imsemmija konsistenti f'zewg cilindri tal-gas, kompressur tal-arja, bonnet ta' vettura, *crash helmet* u *driller,* u l-vettura tal-marka Escort Mark 1 bil-magna inkluza;

2. Fin-nuqqas li jaghmel dan fit-terminu fuq perentorjament indikat tikkundana lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u tlieta u sebghin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,373.81) f'kaz li l-konvenut jonqos li jaghmel il-konsenja ta' l-oggetti kollha fuq indikati, b'dan li fl-eventwalita' li l-konvenut jonqos fit-terminu indikat li jikkonsenja lura lill-attur biss uhud mill-oggetti fuq elenkati, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-valur tal-istess oggetti mhux ikkonsenjati kif premess, bil-valur taghhom hawn stabbilit u cjoe' l-

ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000) ghan-nuqqas ta' konsenja tal-vettura u l-magna; l-ammont ta' tlieta u hamsin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm53.81) ghaz-zewg cilindri tal-gas; mitejn lira Maltija (Lm200) ghall-kompressur tal-arja; hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35) ghad-*driller;* sebghin lira Maltija (Lm70) ghall-*bonnet* ta' vettura; u ghaxar liri Maltija (Lm10.00) ghall-*crash helmet,* dejjem bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**17 ta' Ottubru, 2001**